# KUNSILL LOKALI LIJA

TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI, LIJA
TEL. 21416111 FAX 21416941

## MINUTI – LAQGHAT TAL-KUNSILL

## IS-SITT KUNSILL

## SEDUTA NR 5 – IL-HAMIS 26 TA' NOVEMBRU 2009

Il-Kunsill iltaqa' fl-ufficcju amministrattiv tieghu f'Triq Robert Mifsud Bonnici Hal Lija fis-5.00p.m.

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti : | Dr. Ian Castaldi Paris | Sindku |
| | Sinjura Magda Magri Naudi | Vici Sindku |
| | Sur Jeremy Anthony Dalli | Kunsillier |
| | Sinjorina Lorraine Farrugia | Kunsillier |
| | Dr. Marc Sant | Kunsillier |
| | Sur Alfred Buhagiar | Segretarju Ezekuttiv |

| | |
|---|---|
| Pubbliku : | Ma kienx hemm pubbliku prezenti |

## 1. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-Minuti gew approvati kif ipprezentati u ffirmati mis-Sindku u S-Segretarju Ezekuttiv. Proposti mis-Sur Jeremy Dalli, sekondant is-Sinjorina Lorraine Farrugia.
Gew ukoll approvati lista ta' pagamenti.

## 2. MEPA

2.1 Is-Sindku Dr. Ian Castaldi Paris, informa lill-Kunsill dwar id-diversi laqghat li kienu inzammu mill-MEPA dwar l-applikazzjoni PA5265/08 dwar zvilupp fi Triq Merino Hal Lija.

2.2 Huwa ghamel referenza ghal-pozizzjoni mehuda mill-Kunsill biex isir dak kollu possibli biex kemm l-applikazzjoni imsemmija hawn fuq kif ukoll l-

applikazzjonijiet kollha li huma barra iz-zona ta' zvilupp ikunu rifjutati mill-MEPA b'mod immedjat.

## 3. IMPJIEG PART TIMER

**3.1** IS-Sindku Dr. Ian Castaldi Paris tkellem dwar il-laqgha straordinarja biex tezamina applikazzjonijet ta' impjieg part-time fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill kif awtorizzat mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali.

**3.2** Waqt din il-laqgha li nzammet nhar It-Tlieta 18 t'Ottubru 2009 kien hemm prezenti l-Kunsilliera kollha tal-Kunsill. Dawn ezaminaw l-applikazzjonijiet li kienu waslu l-ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill mill-lista mahruga mill-ETC sad-data stabbilita.

3.3 Is-Sindku ddikjara li kien hemm decizjoni unanima biex is-Sinjorina Jeanette Buhagiar I.D. nr 432688(m) tkun impjegata bhala Part Timer fl-ufficcju tal-Kunsill b'effett immedjat.

3.4 L-ETC ghandu jkun infurmat b'din id-decizjoni.

## 4. NATIONAL FLOOD RELIEF PROJECT

**4.1** Il-Kunsilliera tkellmu dwar NFRP. Dan il-progett li huwa iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea ghandu dawn iz-zewg ghanijiet.

**4.2** Sabiex ixejjen jew jimminimizza l-impatti negattivi ta' l-gharar li jirrizultaw f'certi zoni wara tempesti qawwija u

**4.3** Sabiex iressaq proposti li jwasslu biex jingabar l-ilma tax-xita.

**4.4** Dan il-progett jikkonsisti f'sistema ta' mini li jghaddu taht it-toroq principali li jigbru fihom l-ilmijiet tax-xita permezz ta' dorog ma genb il-bankini sabiex fl-ahhar dawn l-ilmijiet jintremew fil-bahar.

**4.5** Ghar-raguni li din is-sistema li tghaddi min Triq il-Mosta gewwa Hal Lija l-Kunsill ghandu jinsisti biex ma jkunx hemm hsara fic-cimiterju ta' Hal Lija li hemm f'din it-Triq u jinsisti ukoll biex il-gibjun fl-istess triq jinzamm f'kundizzjoni tajba biex jilqa' l-ilma sa kemm huwa possibli.

**4.6** Importanti wkoll li jekk hemm hsieb ta' resevoirs ta' l-ilma jew water catchment dawn ma jsirux ghad-dannu tal-ftit green area fl-istess triq.

## 5.TRAFFIC MANAGEMENT

**5.1** Is-Sindku, Dr. Ian Castaldi Paris informa lill-Kunsill li kien ghad mhemmx risposta definittiva minghand l-ADT dwar it-talba ufficjali li saret mill-Kunsill sabiex din l-Awtorita tohrog bi proposti konkreti halli l-problema tat-traffiku gewwa Hal Lija tkun iffaccjata.

5.2 Is-Sindku qal ukoll li kien qed jinsisti ma l-ADT dwar tibdil tat-traffiku li kien sar mill-Kunsill Lokali ta' H'Attard fi Triq il-Linja kantuniera ma' Triq San Anton H'Attard. Dan it-tibdil kien qed jaffetwa b'mod hazin it-traffiku gewwa l-lokalita ta' Hal Lija b'mod specjali Triq Annibale Preca, kif ukoll it-toroq li jmissu ma' din it-Triq.

5.3 Is-Sindku qal ukoll li kellu l-assigurazzjoni mill-ADT li dawn is-sinjali tat-Traffiku li saru ghal zmien temporanju, ser jitnehhew b'mod immedjat. Huwa ghandu jzomm lill-Kunsill infurmat dwar dan.

### 6. BRING-IN-SITES

6.1 Il-kunsilliera tkellmu dwar l-possibilita li jizdiedu l-bring in sites fil-lokalita ta' Hal Lija.

6.2 Wara diskussjoni gie deciz li qabel tittiehed decizjoni finali tas-sitta' fejn ghandhom jitpoggew dawn il-bring-in-sites ghandha tkun indagata kull proposta biex jigi stabbilit l-impatt li dawn jistghu jhallu fuq ir-residenti tas-sit fejn jitpoggew dawn il-bring-in-sites.

6.3 Il-Kunsill qabel li ghandha tigi mistharrga l-possibilita li jsiru zewg bring-in-sites wahda fi Triq Kardinal Ferretti kantuniera ma' Triq Santa Mansweta u l-ohra Conception Street kantuniera ma' Triq Egidio Lapira.

### 7. FULJETT LEHEN IL-KUNSILL

**7.1** Il-kunsilliera unanimament qablu biex il-harga tal-fuljett li jmiss tkun lesta sa l-20 ta' Dicembru 2009.

**7.2** Is-Sur Jeremy Dalli ser jiehu hsieb jigbor il-materjal necessarju biex dan il-fuljett jigi stampat fuq l-istess format tal-hargiet ta' qabel.

**7.3** Is-sur Jeremy Dalli qed ikun awtorizzat biex jikkordina mas-Sur Mark Sciberras li ssoltu jiehu hsieb ix-xoghol tas-setting u stampar ta' dan il-fuljett.

**8. SKEMA INIZJATTIVI GHALL-ATTIVITAJIET**

**8.1** Is-sindku Dr. Ian Castaldi Paris informa lill-kunsill dwar id-decizjoni tal-Board tal-Evalwazzjoni fejn il-Kunsill Lokali ta' Hal Lija intghazel biex jinghata ghajnuna finanzjarja ta' €2500 mill-iskema.

**8.2** L-attivita li ghaliha qed tinghata din l-ghajnuna finanzjarja hija dik tas-Citrus and Harvest Festival li tiehu hsieba il-Vici sindku, is-sinjura Magda Magri Naudi bl-ghajnuna tal-kunsilliera l-ohra u helpers mir-rahal.

**9. ATTIVITAJIET TAL-MILIED**

**9.1 TQASSIM TA' RIGALI MINN FATHER CHRISTMAS**

Il-Kunsilliera unanimament qablu biex nhar l-Erbgha 23 ta' Dicembru 09 tinzamm l-attivita ta' tqassim ta' rigali minn Father Christmas ghat-tfal tar-rahal. Dawn ir-rigali ghandhom jingiebu mill-genituri sa mhux aktar tard mit-22 ta' Dicembru fl-ufficcju tal-Kunsill.

**9.2 HARGA GHAT-TFAL**

Is-Sur Jeremy Dalli qed ikun awtorizzat biex jiehu hsieb harga ghat-tfal tal-lokalita, fi 30 ta' Dicembru 2009. Dawn ser jittiehdu l-Eden cinema.

**9.3 KOMPETIZZJONI PRESEPJU 2009**

Il-Kumitat Festi Esterni bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali ser jorganizza kompetizzjoni ta' presepji mit-tfal tal-lokalita.

Il-Kunsill ser jiehu hsieb jipprezenta premijiet u tokens ghal din l-okkazzjoni

**10. PRESEPJU HAJ**

**10.1** Is-Socjeta Sant Andrija bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill ser jorganizza Presepju Haj Milied 2009.

**10.2** Il-Kunsill ser jiehu hsieb ukoll li jkun hemm is-servizz tal-Warden matul il-granet li fihom tinzamm din l-attivita.

## 11. AGGORNAMENT TAL-LAQGHA

**11.1** Il-laqgha giet fi tmiemha fis-7.30p.m.

Il-Laqgha li jmiss ser tinzamm nhar l-Erbgha 16 ta' Dicembru 2009 fil-5.00p.m.

| | |
|---|---|
| Dr. Ian Castaldi Paris | Sur Alfred Buhagiar |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |